



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

2012/0082(COD)

18.12.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jissimplifika t-trasferiment tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor fi ħdan is-Suq Uniku
(COM(2012)0164 – C7-0092/2012 – 2012/0082(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Hubert Pirker

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

1. Daħla

Il-proposta għal regolament tikkonċerna s-semplifikazzjoni tal-formalitajiet u l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor. Hija limitata għall-modalitajiet ta' reġistrazzjoni mill-ġdid u m'għandhiex tapplika għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni inizjali ta' vetturi fi Stat Membru u lanqas m'għandha tapplika għar-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur irreġistrati f'pajjiż terz.

Fi ħdan dan il-kamp ta' applikazzjoni preċiż, il-Kummissjoni tixtieq tnaqqas u tissemplifika l-formalitajiet ta' reġistrazzjoni li hemm bħalissa bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi prinċipali li ġejjin:

- li jiġi żgurat il-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
- li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni, skont ir-Rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE “Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE” (COM(2010)0603 tas-27 ta' Ottubru 2010).
- li tiġi żgurata s-sikurezza stradali.
- li tiġi sostnuta l-ġlieda kontra l-abbuż u s-serq ta' dokumenti ta' reġistrazzjoni ta' vetturi skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/919/KE tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità marbuta mal-vetturi b'implikazzjonijiet transkonfinali (ĠU L389, 30.12.2004, p.28).

Għal dan il-għan il-proposta se:

- tiċċara f'liema Stat Membru vettura bil-mutur li tkun ġiet ittrasferita bejn Stat Membru u ieħor għandha tiġi rreġistrata, permezz tal-kunċett tar-“residenza normali” li għalih fit-test hemm iddefiniti l-kriterji.
- tistabilixxi perjodu armonizzat ta' sitt xhur li warajh id-detentur ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni li jkun ċaqlaq ir-residenza normali tiegħu għal Stat Membru ieħor għandu jitlob ir-reġistrazzjoni mil-ġdid.
- torganizza l-kooperazzjoni u l-iskambju tad-dejta bejn l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni differenti permezz ta' mezzi elettroniċi.
- torganizza l-għarfien tad-dokumenti u tal-kontrolli tekniċi tal-vetturi maħruġa fi Stat Membru ieħor.
- tiddefinixxi b'mod preċiż f'liema każijiet l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni jkunu intitolati li jirrifjutaw ir-reġistrazzjoni ta' vettura bil-mutur li tkun irreġistrata fi Stat Membru ieħor.

2. Id-dimensjoni “Trasport” tal-proposta

Ir-Rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li għandha l-għan li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi għaċ-ċittadini u n-negozji fi kwestjoni relatata mat-trasport. Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu diġà esprima l-opinjoni tiegħu dwar l-20 preokkupazzjoni ewlenija taċ-ċittadini u l-impriżi Ewropej dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku (2012/2044(INI)) filwaqt li indika l-pożizzjoni tiegħu dwar is-semplifikazzjoni tat-trasferibilità transkonfinali tal-karozzi.

Għaldaqstant l-emendi tar-Rapporteur għandhom il-għan li jinkorporaw l-opinjoni tal-Kumitat u jiffukaw fuq is-semplifikazzjoni tal-proċedura filwaqt li jiżguraw l-ogħla livell possibbli ta' sigurtà fit-triq, għalhekk jenfasizza l-ħtieġa li ssir implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipji tal-liġi tal-UE dwar ir-reġistrazzjoni ta' karozzi fi Stat Membru ieħor.

Ir-Rapporteur għaraf ukoll il-"Pakkett tal-Kundizzjoni Tajba għas-Sewqan" propost mill-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Lulju 2012 u jenfasizza l-importanza li jkun hemm approċċ koerenti b'din il-proposta.

Ir-Rapporteur jilqa' l-fatt li r-rekwiżiti għall-ħarsien tad-dejta ġew ikkunsidrati kif jixraq fil-proposta u li għadd ta' salvagwardji speċifiċi tal-ħarsien tad-dejta ġew inklużi espressament. Fir-rigward tal-Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tad-9 ta' Lulju 2012 huwa jissuġġerixxi aktar speċifikazzjonijiet li bażikament jimmiraw li jiċċaraw il-proposta tal-Kummissjoni.

EMENDI

Il-Kumitat għat-Transport u t-Turiżmu jitlob lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Il-moviment liberu tal-beni huwa ġebbla tax-xewka tal-Unjoni Ewropea. Madankollu ċ-ċittadini tal-UE qed isibu ma' wiċċhom formalitajiet tqal, relatati b'mod partikolari mar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi tagħhom fi Stat Membru ieħor u l-ispejjeż addizzjonali'. Is-semplifikar tat-trasferibilità transkonfinali tal-karozzi jimplika implimentazzjoni sħiħa tal-liġi tal-UE dwar ir-reġistrazzjoni ta' karozzi fi Stat

Membru ieħor u jirrikjedi standards għolja fis-sigurtà taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni armonizzati bil-għan li jiġi mminimizzati ir-riskju ta' reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi misruqa b'ċertifikati tar-reġistrazzjoni ffalsifikati.

[http://www.europarl.europa.eu/registre/docs_autres_institutions/commission_europeenne/sec/2011/1003/COM_SEC\(2011\)1003_EN.pdf](http://www.europarl.europa.eu/registre/docs_autres_institutions/commission_europeenne/sec/2011/1003/COM_SEC(2011)1003_EN.pdf)

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tirrifletti l-Opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu dwar l-20 preokkupazzjoni ewlenija taċ-ċittadini u l-impriżi Ewropej dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku (2012/2044(INI)) u jenfasizza l-hteġa li ssir implimentazzjoni sħiħa tal-leġislazzjoni applikabbli tal-UE.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor hija ostakolata minn formalitajiet ta' reġistrazzjoni kkumplikati fl-Istati Membri, b'mod partikolari mill-obbligu li dawn il-vetturi jiġu sottomessi għal testijiet kumplimentari sabiex tiġi vvalutata l-kundizzjoni ġenerali tagħhom qabel ir-reġistrazzjoni jew sabiex jiġu identifikati. Għalhekk huwa meħtieġ li dawn il-formalitajiet jitnaqqsu sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni. Speċjalment għaċ-ċittadini jew in-negozji li jixtru vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru ieħor, huwa xieraq li tiġi prevista proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata li tinkludi r-rikonoxximent tad-dokumenti u *tat-testijiet ta' kundizzjoni tajba għas-sewqan* maħruġa

Emenda

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor hija ostakolata minn formalitajiet ta' reġistrazzjoni kkumplikati fl-Istati Membri, b'mod partikolari mill-obbligu li dawn il-vetturi jiġu sottomessi għal testijiet kumplimentari sabiex tiġi vvalutata l-kundizzjoni ġenerali tagħhom qabel ir-reġistrazzjoni jew sabiex jiġu identifikati. Għalhekk huwa meħtieġ li dawn il-formalitajiet jitnaqqsu sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni. Speċjalment għaċ-ċittadini jew in-negozji li jixtru vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru ieħor, huwa xieraq li tiġi prevista proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata li tinkludi r-rikonoxximent tad-dokumenti u *tal-kontrolli tekniċi tal-vetturi (bħalma hemm*

fi Stat Membru ieħor u li torganizza l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar l-iskambju ta' dejta nieqsa.

previst mir-Regolament 2013/...xx dwar kontrolli tekniċi perjodiċi għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom kif ukoll mir-Regolament dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġit tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni 2013/...xx u mid-Direttiva 2013/...xx dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi) maħruġa fi Stat Membru ieħor u li torganizza l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar l-iskambju ta' dejta nieqsa

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tistabbilixxi rabta mal-proposti kollha li jirrigwardaw il-kontroll tekniku tal-vetturi li l-Parlament Ewropew qed jeżamina bħalissa.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor hija ostakolata minn formalitajiet ta' reġistrazzjoni kkumplikati fl-Istati Membri, b'mod partikolari mill-obbligu li dawn il-vetturi jiġu sottomessi għal testijiet kumplimentari sabiex tiġi vvalutata l-kundizzjoni ġenerali tagħhom qabel ir-reġistrazzjoni jew sabiex jiġu identifikati. Għalhekk huwa meħtieġ li dawn il-formalitajiet jitnaqqsu sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni. Speċjalment għaċ-ċittadini jew in-negozji li jixtru vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru ieħor, huwa xieraq li tiġi prevista proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata li tinkludi r-

Emenda

(5) Ir-reġistrazzjoni ta' vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor hija ostakolata minn formalitajiet ta' reġistrazzjoni kkumplikati fl-Istati Membri, b'mod partikolari mill-obbligu li dawn il-vetturi jiġu sottomessi għal testijiet kumplimentari sabiex tiġi vvalutata l-kundizzjoni ġenerali tagħhom qabel ir-reġistrazzjoni jew sabiex jiġu identifikati. Għalhekk huwa meħtieġ li dawn il-formalitajiet jitnaqqsu sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-vetturi bil-mutur u sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini, in-negozji u l-awtoritajiet ta' reġistrazzjoni. Speċjalment għaċ-ċittadini jew in-negozji li jixtru vettura bil-mutur irreġistrata fi Stat Membru ieħor, huwa xieraq li tiġi prevista proċedura ta' reġistrazzjoni simplifikata li tinkludi r-

rikonoxximent tad-dokumenti u *tat-testijiet ta' kundizzjoni tajba għas-sewqan* maħruġa fi Stat Membru ieħor u li torganizza l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar l-iskambju ta' dejta nieqsa.

rikonoxximent tad-dokumenti u *tal-kontrolli tekniċi tal-vetturi* maħruġa fi Stat Membru ieħor u li torganizza l-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet kompetenti dwar l-iskambju ta' dejta nieqsa. ***Jeħtieġ li tingħata importanza partikolari lill-ġdieda kontra t-tbagħbis tal-odometri, kif ukoll lill-konsegwenzi ta' din il-problema fuq il-fiduċja tal-konsumaturi fl-iskambji transkonfinali u fuq is-sikurezza tat-toroq.***

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Dan ir-Regolament m'għandux idgħajjef il-prinċipji u s-salvagwardji importanti marbuta mas-sikurezza stradali. Ir-regoli armonizzati dwar il-kontroll tekniku tal-vetturi u l-karru tagħhom huma element essenzjali biex jiġnaqqas il-piż amministrattiv għaċ-ċittadini u l-industrija filwaqt li jiggerantixxu l-iżvilupp dinamiku ta' metodi tal-ittestjar u tal-kontenut tat-testijiet. L-għarfien reċiproku tal-kontrolli tekniċi bejn l-Istati Membri jeħtieġ definizzjonijiet komuni u standards komparabbli tat-testijiet li jkunu rrispettati mill-Istati Membri kollha.

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura ssemplifikata tar-reġistrazzjoni għal vetturi reġistrati fi Stat Membru ieħor m'għandhiex tirrikjedi kontroll tekniku extra, ħlief f'każijiet limitati u b'raġuni tajba. Huwa għalhekk tal-akbar importanza li l-istandards Ewropej jiġu rrispettati u implimentati mill-Istati Membri kollha. Ara wkoll: Opinjoni tal-Kumitat dwar l-20 preokkupazzjoni ewlenija taċ-ċittadini u l-impriżi Ewropej dwar il-funzjonament tas-Suq Uniku (2012/2044(INI)).

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Dan ir-Regolament għandu jqis id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2011/82/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tiffaċilita l-iskambju transkonfinarju ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq bil-għan li l-awtoritajiet ta' Stat Membru li jkunu rċevew applikazzjoni biex tiġi rreġistrata vettura li tkun irreġistrata fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jivverifikaw jekk dik il-vettura jkollhiex x'taqsam ma' xi proċedimenti mhux solvuti relatati ma' reati tat-traffiku.

Ġustifikazzjoni

Jeħtieġ li jiġu msaħħa d-dispożizzjonijiet previsti bil-għan li tittiejeb is-sikurezza stradali u li niġġieldu kontra l-impunità li minnha jistgħu jgawdu dawk li jiksru l-kodiċi tat-triq. Għalhekk l-awtoritajiet għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw li l-vettura kkonċernata ma jkollha x'taqsam mal-ebda proċedura ta' reat tat-traffiku qabel ma tiġi rreġistrata.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 14a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a)

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament preżenti. Konsegwentement, huma għandhom jimplimentaw id-dispożizzjonijiet f'dawk li huma rikonoxximent reċiproku u skambju elettroniku ta' data.

Emenda 7

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika **għall-vetturi** li ġejjin:

Emenda

1. Dan ir-Regolament għandu japplika **għar-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur** li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tal-għan tar-Regolament.

Emenda 8

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Wara l-perjodu ta' sitt xhur, is-sid ta' vettura li tkun irreġistrata u tinsab fi Stat Membru ieħor xorta jkun għadu jista' jitolb ir-reġistrazzjoni tal-vettura tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza.

Ġustifikazzjoni

L-emenda tippermetti li jiġu ċċarati r-regoli ta' reġistrazzjoni fil-każ li ċittadin ikollu vettura għad-dispożizzjoni tiegħu fl-Istat Membru ta' residenza tiegħu u vettura oħra li tibqa' fi Stat Membru ieħor.

Emenda 9

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-proċess tal-ġbir u l-ipproċessar tal-punti tad-dejta msemmija fl-ewwel paragrafu għandu jirrispetta l-liġijiet Ewropej u nazzjonali relatati mal-ħarsien tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar

tad-dejta personali.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tirrifletti l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tad-9 ta' Lulju 2012.

Emenda 10

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) jekk id-data li fiha kellu jiġi stabbilit l-aħħar ċertifikat ta' kontroll tekniku tkun għaddiet.

Ġustifikazzjoni

Meta d-data li fiha kellu jsir il-kontroll tekniku tal-vettura tkun għaddiet, l-awtorità tar-reġistrazzjoni tal-vetturi għandha tkun tista' tiċċekkja l-vettura in kwestjoni bil-għan li tassigura l-affidabbiltà stradali tagħha.

Emenda 11

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Meta vettura rreġistrata fi Stat Membru ***ieħor hija rreġistrata***, l-awtorità ta' reġistrazzjoni tal-vetturi rilevanti għandha ***tirrapporta*** dan minnufih lill-awtorità ta' reġistrazzjoni tal-vetturi tal-Istat Membru fejn il-vettura tkun ġiet irreġistrata l-aħħar, skont l-Artikolu 7.

5. Meta vettura rreġistrata fi Stat Membru ***wieħed tiġi rreġistratamill-ġdid fi Stat Membru differenti***, l-awtorità ta' reġistrazzjoni tal-vetturi rilevanti għandha ***tirrapporta*** dan minnufih lill-awtorità ta' reġistrazzjoni tal-vetturi tal-Istat Membru fejn il-vettura tkun ġiet irreġistrata l-aħħar, skont l-Artikolu 7.

Emenda 12

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) meta ma jkunx hemm assigurazzjoni awtomobilistika ta' responsabilità għal partijiet terzi, fejn din tkun prekundizzjoni għar-reġistrazzjoni tal-vettura.

Ġustifikazzjoni

L-assigurazzjoni awtomobilistika ta' responsabilità għal partijiet terzi tikkontribwixxi bil-kbir għall-ħarsien tal-vittmi ta' aċċidenti stradali fl-Ewropa u għandha tibqa' prekundizzjoni għar-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-pajjiżi li għandhom dan il-prinċipju mnaqqax fil-leġislazzjoni tagħhom.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d – subpunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ii) id-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vettura huma misruqa sakemm id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun jista' juri b'mod ċar li huwa s-sid tal-vettura;

(ii) id-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vettura huma **mitlufa jew** misruqa sakemm id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jkunx jista' juri b'mod ċar **jew** li huwa s-sid tal-vettura **jew li hu d-detentur leġittimu tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni;**

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara l-punt li d-detentur leġittimu tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni jista' jkun ġuridikament differenti mis-sid tal-vettura u, konsegwentement, fuq il-bażi ta' turija ċara tas-sitwazzjoni tiegħu, ikun jista' jevita deċiżjoni ta' rifjut mill-awtoritajiet.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt d – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iii)

imħassar

id-data taċ-ċertifikat obbligatorju li jmiss ta' kundizzjoni tajba għas-sewqan tkun

għaddiet.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha titqies f'konnessjoni mal-emenda tal-Artikolu 4, skont liema artikolu l-awtorità tar-reġistrazzjoni tista' twettaq testijiet fuq il-vettura jekk id-data li fiha kellu jiġi stabbilit l-aħħar ċertifikat tal-kontroll tekniku tal-vettura tkun għaddiet.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt b – sottopunt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) id-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vettura ***huma misruqa*** sakemm id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jkun jista' juri b'mod ċar li huwa s-sid tal-vettura;

Emenda

(ii) id-dokumenti ta' reġistrazzjoni tal-vettura ***ntilfu jew insterqu*** sakemm id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ma jkunx jista' juri b'mod ċar jew li huwa s-sid tal-vettura ***jew li hu d-detentur leġittimu tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni;***

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara l-punt li d-detentur leġittimu tad-dokumenti ta' reġistrazzjoni jista' jkun ġuridikament differenti mis-sid tal-vettura u, konsegwentement, fuq il-bażi ta' turija ċara tas-sitwazzjoni tiegħu, ikun jista' jevita deċiżjoni ta' rifjut ta' reġistarazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet.

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri u speċifikazzjonijiet komuni għall-applikazzjoni tas-softwer imsemmija fil-paragrafu 2, inkluż il-format għad-dejta skambjata, il-proċeduri tekniċi għall-konsulenza elettronika u l-aċċess għar-reġistri elettroniċi nazzjonali, il-proċeduri ta' aċċess u l-mekkaniżmi ta' sigurtà.

Emenda

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-proċeduri u speċifikazzjonijiet komuni għall-applikazzjoni tas-softwer imsemmija fil-paragrafu 2, inkluż il-format għad-dejta skambjata, il-proċeduri tekniċi għall-konsulenza elettronika u l-aċċess għar-reġistri elettroniċi nazzjonali, il-proċeduri ta' aċċess u l-mekkaniżmi ta' sigurtà.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Il-Kummissjoni għandha wkoll tivvaluta b'mod regolari l-adegwatezza tal-miżuri ta' sigurtà relatati mal-ħarsien tad-dejta skambjata, filwaqt li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi u l-evoluzzjoni tar-riskji. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex taġġorna l-miżuri ta' sigurtà fejn ikun meħtieġ.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tirrifletti l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tad-9 ta' Lulju 2012.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tiddistribwixxi vetturi jew tipprovdi servizzi ta' tiswija, ta' manutenzjoni jew ta' ttestjar għall-vetturi;

Emenda

(b) ***tibni jew*** tiddistribwixxi vetturi jew tipprovdi servizzi ta' tiswija, ta' manutenzjoni jew ta' ttestjar għall-vetturi;

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li l-attivitajiet tal-kostrutturi tal-vetturi jiġu integrati f'dan il-paragrafu, għax huma wkoll jeħtieġu r-reġistrazzjoni professjonali, fuq l-istess bażi bħall-attivitajiet l-oħra msemmija.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***għandha reputazzjoni tajba u*** għandha

Emenda

(c) għandha l-kompetenza professjonali

l-kompetenza professjonali meħtieġa. meħtieġa.

Ġustifikazzjoni

Ir-reputazzjoni hija kriterju ta' valutazzjoni suġġettiv li m'hemmx post għaliha f'regolament.

Emenda 19

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 4a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Id-durata tal-validità taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni professjonali tal-vetturi m'għandhiex taqbeż it-3 xhur. Il-validità taċ-ċertifikati għandha tiskadi malli wieħed mill-kriterji elenkati taħt il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma jibqax jiġi ssodisfat.

Ġustifikazzjoni

Id-durata tal-validità tar-reġistrazzjoni professjonali tal-vetturi għandha titqies bħala ħaġa wisq sostanzjali biex tiġi determinata permezz ta' atti delegati.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 5**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabilixxi l-format u l-mudell taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni professjonali tal-vetturi. ***imħassar***

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(2).

Ġustifikazzjoni

Il-format u l-mudell taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni professjonali tal-vetturi jaqgħu taħt id-Direttiva 1999/37/KE. Jeħtieġ għalhekk li dan l-aspett jiġi ttrattat fil-qafas tar-reviżjoni ta'

dik id-Direttiva (li bħalissa qed tiġi eżaminata fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill) u mhux fir-regolament preżenti.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu ma għandhom ikollhom l-ebda effett fuq ir-regoli nazzjonali eżistenti relatati mar-reġistrazzjonijiet temporanji u professjonali.

Ġustifikazzjoni

Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament huwa definit mir-reġistrazzjonijiet mill-ġdid ta' vetturi bil-mutur fi Stat Membru ieħor. Din għandha l-għan li tagħmilha ċara li d-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mar-reġistrazzjonijiet temporanji u professjonali ma jiġux affettwati.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) L-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni tal-vetturi għandhom jagħmluha faċli għall-pubbliku li jkollu aċċess għar-regoli li jirregolaw l-ipproċessar tad-dejta relatata mar-reġistrazzjoni tal-vetturi, inkluż it-tagħrif dwar l-iskadenzi għaż-żamma kif ukoll it-tagħrif meħtieġ previst fl-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 95/46/KE.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tirrifletti l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data tad-9 ta' Lulju 2012.

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu *indeterminat* ta' *żmien* mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 10 għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' *ħames snin* mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. *Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Kemm-il darba dan ir-rapport ikun ġie mfassal, id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.*

Ġustifikazzjoni

Din tirrifletti l-pożizzjoni tas-soltu tal-Parlament li d-delega m'għandhiex tkun għal perjodu indefinit u li l-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar kif tkun użat is-setgħat tagħha qabel ma tiġi kkunsidrata estensjoni.

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [*erba' snin* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tressaq proposti xierqa bl-iskop li temenda dan ir-Regolament, u tallinja atti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari filwaqt li tqis il-possibbiltajiet ta' simplifikazzjonijiet amministrattivi ulterjuri għaċ-ċittadini u n-negozji.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [*sentejn* wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tressaq proposti xierqa bl-iskop li temenda dan ir-Regolament, u tallinja atti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari filwaqt li tqis il-possibbiltajiet ta' simplifikazzjonijiet amministrattivi ulterjuri għaċ-ċittadini u n-negozji.

Ġustifikazzjoni

It-tnaqqis tal-perjodu li warajh għandu jitressaq rapport lill-Parlament u lill-Kunsill mill-Kummissjoni se jtejjeb il-kontroll leġiżlattiv.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tressaq proposti xierqa bl-iskop li temenda dan ir-Regolament, u tallinja atti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari filwaqt li tqis il-possibbiltajiet ta' simplifikazzjonijiet amministrattivi ulterjuri għaċ-ċittadini u n-negozji.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sa [erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. ***Dan ir-rapport għandu jkun fih b'mod partikolari tagħrif dwar l-implimentazzjoni nazzjonali fl-Istati Membri differenti.*** Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tressaq proposti xierqa bl-iskop li temenda dan ir-Regolament, u tallinja atti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari filwaqt li tqis il-possibbiltajiet ta' simplifikazzjonijiet amministrattivi ulterjuri għaċ-ċittadini u n-negozji.

PROĊEDURA

| | | |
|---|--|------------|
| Titolu | Is-simplifikazzjoni tat-trasferiment tal-vetturi bil-mutur irreġistrati fi Stat Membru ieħor fi ħdan is-Suq Uniku | |
| Referenzi | COM(2012)0164 – C7-0092/2012 – 2012/0082(COD) | |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | IMCO 18.4.2012 | |
| Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN 18.4.2012 | |
| Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra | Hubert Pirker 29.5.2012 | |
| Eżami fil-kumitat | 8.10.2012 | 17.12.2012 |
| Data tal-adozzjoni | 18.12.2012 | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 37 -: 1 0: 0 | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Inés Ayala Sender, Georges Bach, Erik Bánki, Izaskun Bilbao Barandica, Philip Bradbourn, Antonio Cancian, Michael Cramer, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Jacqueline Foster, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Petri Sarvamaa, David-Maria Sassoli, Vilja Savisaar-Toomast, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Silvia-Adriana Ţicău, Giommaria Uggias, Patricia van der Kammen, Artur Zasada, Roberts Zīle | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Spyros Danellis, Markus Ferber, Eider Gardiazábal Rubial, Dominique Riquet, Sabine Wils | |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Amelia Andersdotter | |